C/2025/5875

4.11.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2025/5875)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Spoleto"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-IT-A0848-AM03 - 5.8.2025

1. **Isem il-prodott**

Spoleto

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ IĠP

☑ DOP

☐ IG

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbid

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

L-Italja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sovranità tal-Ikel u l-Forestrija — Dipartiment tas-Sovranità tal-Ikel u l-Isport Ekwestri — Direttorat Ġenerali għall-Promozzjoni tal-Kwalità Agroalimentari — PQA I

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-approvazzjoni u l-komunikazzjoni ta' din l-emenda standard jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda standard skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 u d-dispożizzjonijiet adottati skontu.

Hu ddikjarat li din l-emenda taqa'taħt id-definizzjoni ta' "emenda standard" imsemmija fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1143, billi:

— ma tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew prodotti dežinjati mill-indikazzjoni ġeografika;

— ma tirriskjax li xxejjen r-rabta maż-żona ġeografika msemmija fid-dokument uniku;

— ma tinvolvix aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

It-tneħħija tal-kategorija Spoleto abjad

Deskrizzjoni

Il-kategorija Spoleto Bianco tneħħiet mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikoli 1, 2, 4, 6 u 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-punti 6 “Karatteristiċi organolettiċi” u 7.2 “Rendimenti massimi” tad-Dokument Uniku

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

It-tneħħija tal-kategorija Spoleto Trebbiano spoletino superiore

Deskrizzjoni

Il-kategorija Spoleto Trebbiano spoletino superiore tneħħiet mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikoli 1, 2, 4, 5, 6, 7 u 8 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-punti 6 “Karatteristiċi organolettiċi” u 7.2 “Rendimenti massimi” tad-Dokument Uniku

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

L-inklużjoni tal-ispeċifikazzjoni VSQ

Deskrizzjoni

L-ispeċifikazzjoni QSV iddaħħlet biex tindika b’mod inekwivoku l-kategorija ta’ Spumante prodott.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

L-inklużjoni tal-kategorija Spoleto Trebbiano spoletino riserva

Deskrizzjoni

Żdiedet il-kategorija Spoleto Trebbiano Spoletino Riserva, b’perjodu obbligatorju ta’ maturazzjoni ta’ mill-inqas 18-il xahar, li jinkludu mill-inqas 3 xhur fil-flixkun.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikoli 1, 2, 4, 5, 6, u 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-punti 6 “Karatteristiċi organolettiċi” u 7.2 “Rendimenti massimi” tad-Dokument Uniku

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

It-tneħħija tal-kwoti medja massima tad-dwieli

Deskrizzjoni

Għall-finijiet ta’ eliġibbiltà, tħassret l’esklużjoni tad-dwieli li jkunu aktar minn 400m metru ’l fuq mil-livell tal-baħar.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

Id-definizzjoni tad-data dwar id-derogi għall-vinifikazzjoni u l-ibbottiljar

Deskrizzjoni

għall-operazzjonijiet ta’ vinifikazzjoni, tidbil, maturazzjoni u bbottiljar barra miż-żona tal-produzzjoni, japplikaw derogi għal kull min juri li wettqu tali operazzjonijiet fit-tliet snin ta’ qabel id-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. It-test ġie modifikat bl-inseriment tad-data speċifika tad-dħul fis-seħħ tal-ispċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

korrezzjoni tar-referenzi normattivi

Deskrizzjoni

Xi wħud mir-Referenzi normattivi ġew korretti bl-espressjonijiet aktar gereriċi: “il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni Ewropea u, “il-leġiżlazzjoni eżistenti”.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

Maċerazzjoni bil-qoxra

Deskrizzjoni

Għall-kategoriji Spoleto Trebbiano spoletino u Spoleto Trebbiano spoletino riserva iddaħħlet il-possibiltà li ssir maċerazzjoni bil-qoxra.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

Ir-rilaxx għall-konsum tar-riserva

Deskrizzjoni

Mad-dħul tal-kategorija ġdida Spoleto Trebbiano spoletino riserva, ġew speċifikati r-regoli tar-rilaxx għall-konsum ta’ din il-kategorija.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

Emenda tal-karatteristiċi organolettiċi

Deskrizzjoni

Mad-dħul tal-possibbiltà li l-maċerazzjoni ssir bil-qxur, ġie modikfikat id-deskrizzjoni tal-kulur ta’ Spoleto Trebbiano spoletino

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-Taqsima 6 “Karatteristiċi organolettiċi” tad-Dokument Uniku

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Isem ġeografiku usa’ “Umbria”

Deskrizzjoni

Iddaħħlet il-possibbiltà li jintuża fuq it-tabella u l-preżentazzjoni tal-inbejjed l-isem ġeografiku usa’ “Umbria”, u ġew iddeterminati r-regoli tal-użu.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-Taqsima 11 “Rekwiżiti oħra applikabbli” tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

imballaġġ

Deskrizzjoni

Il-modifikazzjoni tipprevedi:

— it-tneħħija tal-possibbiltà li jintużaw kontenituri għajr il-ħġieġ;

— it-tneħħija tal-volum minimu permess ta’ 0,187 litri;

— l-elevazzjoni tal-volum massimu permess ta’ 18-il litru;

— it-tneħħija tal-użu tat-tappijiet

— it-tneħħija tar-referenza “forma ta’ faqqiegħ” għat-tappijiet tal-ispumanti

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

It-tneħħija tal-paragrafu dwar il-preżenza ta’ strixxi tat-tabellar fuq il-kontenituri

Deskrizzjoni

Tneħħa l-paragrafu b’referenza għall-bżonn tal-preżenza ta’ strixxa jew, minflok, biċċa attribwita għall-korp delegat, qabel ir-rilaxx għall-konsum kummerċjali.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

Titolu

It-tneħħija tar-referenza għall-korp ta’ kontroll

Deskrizzjoni

L-artikolu fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li jipprevedi referenzi għall-korp ta’ kontroll ġie emendat, u ssostitwixxa din l-informazzjoni b’referenza għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

☐ L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta’ oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

“Spoleto”

Numru ta’ referenza tal-UE: PDO-IT-A0848-AM03 - 5.8.2025

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Spoleto

2. **Tip ta’ indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

☐ IG

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

L-Italja

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f’konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 - Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta’ prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

(1) Inbid

(5) Inbid spumanti ta’ kwalità

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Spoleto Trebbiano spoletino

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

kulur: isfar lewn it-tiben jagħti fl-isfar dehbi

Aroma

riħa: ta' dwieli, karatteristika

Togħma

togħma: xotta, friska, kultant aċiduża

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

-

Speċifikazzjonijiet analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	-
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	-
Aċidità totali minima	5.0
Aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	-
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	-

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

qawwa alkoħolika totali minima: 11,50 % tal-volum

Estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l

Prodott tad-dwieli

Spoleto Trebbiano spoletino riserva

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

kulur: isfar lewn it-tiben jagħti fl-isfar dehbi xi ftit jew wisq intens

Aroma

riħa: ta' dwieli, karatteristika

Togħma

togħma: xotta, friska, kultant aċiduża

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

-

Speċifikazzjonijiet analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	-
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	-
Aċidità totali minima	5,0
Aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	-
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	-

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

qawwa alkoħolika totali minima: 12,00 % tal-volum;

estratt minimu mingħajr zokkor: 20,0 g/l.

Prodott tad-dwieli

Spoleto Trebbiano spoletino spumante

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

kulur: isfar lewn it-tiben, kultant bi ħjiel ta' aħdar;

Ragħwa: fina u dejjiema

Aroma

riħa: ta' dwieli, karatteristika

Togħma

togħma: xotta, friska, kultant aċiduża

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

-

Speċifikazzjonijiet analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	-
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	-
Aċidità totali minima	6,0
Aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	-
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	-

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

qawwa alkoħolika totali minima: 11,00 % tal-volum

Estratt minimu mingħajr zokkor: 15,0 g/l

Prodott tad-dwieli

Spoleto Trebbiano spoletino passito

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

kulur: isfar dehbi jagħti fl-ambra

Aroma

riħa: intensa, etereali, bi ħjiel ta' frott misjur

Togħma

togħma: miftuħa u bellusija

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

-

Speċifikazzjonijiet analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	-
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	-
Aċidità totali minima	4,0
Aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	-
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	-

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

qawwa alkoħolika totali minima: 17,00 % vol li minnhom mill-inqas 14,00 % qawwa alkoħolika attwali;

estratt minimu mingħajr zokkor: 22,0 g/l

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

"maritate"

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika kulturali

Deskrizzjoni

F'kull każ, ir-rendimenti massimi mid-dwieli mkabbra fl-istil "maritate" ma jistgħux jaqbżu l-50 Kg għal kull pjanta.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed / kategoriji / varjetajiet / tipi kollha

Trebbiano Spoletino

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	11,000
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed / kategoriji / varjetajiet / tipi kollha

Trebbiano Spoletino Spumante

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	12,000
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed / kategoriji / varjetajiet / tipi kollha

Spoleto Trebbiano Spoletino Passito

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	11,000
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed / kategoriji / varjetajiet / tipi kollha

Trebbiano Spoletino Riserva

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	11,000
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

Italia - Trebbiano spoletino B. - Trebbiano

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

L-għeneb intiżi biex jipproduċu l-inbid bid-DOP Spoleto jridu jkunu prodotti ġewwa ż-żona deskritta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, li jinkludi t-territorju kollu tal-muniċipalità ta' Montefalco u parti mill-muniċipalitajiet ta' Campello sul Clitunno, Castel Ritaldi, Foligno, Spoleto u Trevi.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

(1) Inbid

Sommarju tar-rabta

It-territorju huwa fil-parti l-kbira ċatt u minnu tgħaddi x-xmara Clitunno, u għadd ta' nixxigħat u t-tributarji. L-elevazzjoni tat-territorju kkonċernat hija bejn 200 u 550 m 'l fuq mil-livell tal-baħar, bi klima li hija influwenzata sew mill-għoljien tal-wied tal-madwar. L-Appennino Umbro-Marchigiano fil-Lvant infatti jfisser li r-riħ dominanti huwa dak mill-Punent. L-ammont tax-xita jilħaq madwar 800 mm fis-sena (klima moderata bi sjuf xotti). L-oriġini tat-Trebbiano spoletino mhumiex magħrufa, imma nistgħu ngħidu bla dubju li ġej mit-territorju demarkat, meta wieħed iqis il-kultivazzjoni tiegħu minn ċerti sorsi diġà fis-seklu 19.

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

(5) Inbid spumanti ta' kwalità

Sommarju tar-rabta

It-territorju huwa fil-parti l-kbira ċatt u minnu tgħaddi x-xmara Clitunno, u għadd ta' nixxigħat u t-tributarji. L-elevazzjoni tat-territorju kkonċernat hija bejn 200 u 550 m 'l fuq mil-livell tal-baħar, bi klima li hija influwenzata sew mill-għoljien tal-wied tal-madwar. L-Appennino Umbro-Marchigiano fil-Lvant infatti jfisser li r-riħ dominanti huwa dak mill-Punent. L-ammont tax-xita jilħaq madwar 800 mm fis-sena (klima moderata bi sjuf xotti). L-oriġini tat-Trebbiano spoletino mhumiex magħrufa, imma nistgħu ngħidu bla dubju li ġej mit-territorju demarkat, meta wieħed iqis il-kultivazzjoni tiegħu minn ċerti sorsi diġà fis-seklu 19.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Użu tal-isem ġeografiku usa' "Umbria" fuq it-tabelli u l-preżentazzjoni tal-inbejjed

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali fit-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Fit-tikkettar u fil-preżentazzjoni tal-inbejjed tad-DOP "Orvieto", huwa permess l-użu tal-isem ġeografiku usa' Umbria.

L-isem Umbria għandu jiġi sseparat mill-isem ġeografiku tad-denominazzjoni u mill-isem "Denominazione di Origine Controllata" [Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata].

Il-karattri tal-isem Umbria għandhom ikunu aktar baxxi mill-karattri li jiffurmaw l-isem Spoleto u jrid ikollhom l-istess tipa, stil, spazjar, prominenza, kulur u intensità kolorimetrika.

Referenza elettronika (url) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.masaf.gov.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/23399